MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 115/2014

**AB**

**Vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta:

1. Illi l-kontendenti konjugi ikkontrattaw iz-zwieg fit-2 ta' Mejju 1976 u miz-zwieg taghhom kellhom zewgt itfal, X u Y, illum maggorenni ;
2. Illi l-imsemmija konjugi kienu infirdu minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni b'att ippubblikat minn Nutar Dottor Marco Burlo fil-5 ta' April 1994 (Dokument VP 1) ;
3. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti u ma hemmx kwistjonijiet bejniethom dwar manteniment ;
4. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m'huwiex mehtieg li issir medjazzjoni bejniethom ;

Talab a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex previa s-smigh tal-partijet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C, bl-ispejjez;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' April, 2014;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma ipprezentatx risposta u ma dehritx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-5 ta’ April 1994;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------